# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — L-EWWEL KTIEB TA' L-1931

## GĦADNA MEXJIN

B'dawn il-kelmiet li deħru fil-bidu ta' l-aħħar ktieb ta' "Il-Malti" għalaqna s-sitt sena tal-ħajja tar-Rivista tagħna, għaliex meta ġibna quddiem għajnejna u flejna sewwa dak kollu li kien donnu jrid jaqtgħalna qalbna u dak li kien iqawwihielna, deħrilna illi l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u magħha r-Rivista kien għadhom fuq tagħhom u ma kellhomx mard li jista' jwassalhom ħesrem ġe' l-qabar.

Iżda jekk dak-in-nhar għidnihom dawn il-kelmiet b'qalbna ftit u xejn qawwija, il-lum nistgħu ntennuhom bis-saħħa kollha ta' min għandu qalbu f'sikkitha: Għadna mexjin.

Għaliex minn meta ktibna dawk il-kelmiet, ġrat ħaġa li għamlitilna qalb ta' sûr, mhux biss il-għaliex żeditilna fil-għadd ta' l-imseħbin, imma għaliex din il-ħaġa fit-tiswir tagħha, fil-fehma tagħha, bil-ħidma u bil-frott li tista' tati, rifdet hekk tajjeb il-fehmiet u x-xogħol ta' din il-Għaqda tagħna, illi għal ħafna snin oħra nistgħu ngħidu li ma hemmx biża' li tiġġarraf.

Bejn l-istudenti ta' l-Università twaqqfet xirka li ħadet l-isem ta' "Għaqda tal-Malti; Università". Il-għan ta' din il-għaqda hu "kulturali" biss jiġifieri li ixxerred fost il-poplu malti it-tagħlim ta' dawk il-ħwejjeġ l-aktar meħtieġa u l-aktar sbieħ li fil-mixja taż-żmien ix-Xjenza sabet, l-Arti żejnet u s-Sengħa ħadmet għal-bżonnijiet tal-ħajja.

Issa din il-għaqda ta' żgħażagħ—u dan hu li għamlilna qalb ta' sur,—żgħażagħ mogħtija għall-istudju u mimlija bil-ħeġġa tal-għoxrin sena, bħal ma juri l-isem li ħatret, fix-xogħol tagħha sejra tinqeda bil-lsien malti, u, għalkemm ma għandha ebda rabta mal-Għaqda tagħna jew ma' għaqdiet oħra, u li għal-daqshekk fit-tħejjija tal-programm tagħha ħasbet ħsiebha mingħajr ebda xejra lejn ħaddieħor, għażlet għall-kitba tagħha l-alfabett u l-ortografija tal-Għaqda tagħna; u dan ifisser illi għoxrin jew tletin żagħżugħ illi jħobbu l-Malti, u jixtiequ jkattru, jorqmu u jsaħħu l-Letteratura maltija, ħasbu illi, jekk iridu jlibbsu kif jixraq il-ħsebijiet tagħhom u dak li tħoss u tħobb il-qalb, jaqblilhom jinqdew b'dik il-libsa li fasslet u ħejjiet il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.

Dan jirfed bil-bosta ix-xogħol li għalih qiegħda tidher ir-Rivista tagħna, għaliex minn għand żgħażagħ bħal dawn tistenna kitba tajba u fejjieda bil-kotra, l-aktar meta fosthom jinsabu kittieba magħrufa li tawna eżempi ta' poeżija bnina u sabiħa u ta' proża ħafifa u mexxejja li tixtieq ikollok minnha qatigħ.

Imbagħad min jista' jgħid ? Iż-żgħażagħ għandhom ħajjithom quddiemhom, għandhom dehriet ġodda, għandhom spirtu u saħħa, fihom ħajr u l-ħajr iħajjar. Għandu mn'ejn fuq il-passi tagħhom jimxu oħrajn; għandu mn'ejn min darba kien baża' jew kemmex xuftejh, għaliex kien deherlu li l-Malti m'hux ta' min jitlef żmienu fuqu, miġbud mill-ħeġġa ta' dawn il-qlub mimlija u ferrieħa, jaħsibha daqxejn aħjar, jidħol hu ukoll firringieli tax-xirka u, annuna magħna, iħabrek lejn il-quċċata ta' l-għolja fejn nixtiequ naslu, fejn hemm ħmura ta' dawl li donnha trid tgħidilna : "Ix-xemx dalwaqt tixref".

J'Alla ma ndumux ma ngħidu : wasalna !